MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1377/2002/1

***Untours Insurance Agents Ltd.***
***ghal Qatar Insurance Company kif***
***surrogati fid-drittijiet ta' Adrian Farrugia***
***u l-istess Adrian Farrugia***

***vs***

***Anton Giordimaina***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine et. s-somma ta' mija u wiehed u ghoxrin Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm121.45c) rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici nomine et. u dana in segwitu ghall-incident stradali li sehh fit-28 ta' Dicembru 2001 bejn il-vettura *Seat* bin-numru ta' registrazzjoni IBD 976, misjuqa mill-attur u vettura *Honda Civic* bin-numru ta' registrazzjoni GAA 434,

misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident stradali kien unikament responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ntavolata ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta u bl-imghaxijiet min-notifika ta’ l-avviz sal-jum tal-pagament kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha huwa eccepixxa illi l-incident gara unikament tort ta’ l-attur li ma rrispettax id-dritta ta’ vetturi fuq il-lemin ma’ *roundabouts*.

Ra d-Dokumenti esibiti.

Sema’ x-xhieda tal-partijiet u tax-xhieda l-ohra imressqa minnhom u cioe’ PC 1554 Noel Decesare, Lara Suzanne Cordina, Anthony Mizzi u John Tabone.

Sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh fit-telgha li tinsab biswit ic-Cimiterju ta’ l-Addolorata gewwa Rahal il-Gdid u cioe’ gewwa Vjal Santa Lucija. Pulizija fuq il-post ta’ l-incident ma ngabux u dana kif xehed PC 1554 Noel Decesare li rrediga r-rapport esibit fl-atti processwali u mmarkat bhala Dokument ND. Dan sar meta l-kontendenti marru l-ghassa jirrapportaw l-incident mertu ta’ din il-kawza. Is-Surgent nizzel fir-rapport il-verzjoni moghtija miz-zewg sewwieqa rigward l-incident, liema versjoni tikkombacja max-xhieda moghtija minnhom f’din l-istanza, kif ukoll il-hsarat rapportati fil-vettura.

L-attur Adrian Farrugia jikkontendi illi dak in-nhar ta’ l-incident huwa kien tielgha lejn id-direzzjoni tar-*roundabout* sejjer lejn id-dar. Fil-karozza mieghu kien hemm Lara Cordina. Huwa kien qieghed isuq fil-karreggjata ta’ gewwa u meta bejn wiehed u iehor kien qabez nofs it-telgha, huwa ra l-vettura misjuqa mill-konvenut li kienet qieghda

tinsaq biswit tieghu fil-karreggjata ta' barra, riesqa lejh. L-impatt sehh distanza ta' madwar zewg vetturi 'il boghod mill-*give-way sign* qabel ir-*roundabout*. Kif huwa kien ser jaghmillu sinjal bil-*horn*, il-konvenut laqat il-vettura tieghu fuq in-naha ta' quddiem, in-naha tas-sewwieq.

Il-hsarat sofferti fil-vettura tieghu kienu fil-kantuniera tal-*mudguard* u l-*bumper* li ngibed minn mal-genb tieghu. Il-vettura misjuqa mill-konvenut baqghet sejra u ghalhekk l-attur baqa isegwiha u jdoqq il-horn sabiex tieqaf. Hekk kif huma daru mar-*roundabout* il-konvenut waqqaf il-vettura tieghu, fit-triq li tiehu lejn Santa Lucija. Meta nizel mill-vettura tieghu, l-konvenut ma kellmux ghaliex kien qieghed icempel fuq il-*mobile phone* tieghu. Qallu biss li kien ser jistenna lil missieru jigi.

L-attur jikkontendi illi l-vettura li waqqfet kienet l-istess vettura li laqtitu ghaliex prattikament ma kienx hemm vetturi ohra fit-triq f'dak il-mument. L-attur ighid illi huwa ma setax jikkonstata xi hsarat kellu l-konvenut fil-vettura tieghu ghaliex peress illi din kellha is-sadid u xi daqqiet ohra, allura huwa ma setax jikkonstata jekk il-vettura tal-konvenut kenitx soffriet xi hsarat mall-kollizzjoni. Ighid izda illi fil-vettura tieghu huwa kellu ftit zebgha ta' kulur *maroon* mill-vettura tal-konvenut.

Lara Cordina, li kienet riekba passiggier ma' l-attur tikkorrobora dak illi jghid l-attur fix-xhieda tieghu. Hija tikkonferma illi l-vettura li waqqfet wara l-incident kienet l-istess vettura li laqtithom u dana wkoll peress illi hija gharrfet is-sewwieq li kien liebes *anorak* bil-*hood* u anke l-vettura li habtet fihom. Sussegwentement huma marru l-ghassa tal-pulizija flimkien mal-konvenut u missieru li wasal fuq il-post ftit tal-hin wara. Tikkontendi illi l-hsarat fuq il-vettura ta' l-attur kienu fuq in-naha ta' quddiem hdejn is-sewwieq filwaqt illi l-konvenut ma kellux hsarat fil-vettura tieghu, ghalkemm tghid illi hija ma harrgitx mill-vettura fejn kienet riekba. Tiftakar biss illi l-vettura tal-konvenut kienet imsadda. L-incident sehh tard bil-lejl. Fil-mument ta' l-impatt hija isostni illi ma kienx hemm vetturi ohra fit-triq ghajr il-vettura tal-konvenut.

Il-konvenut, minn naha tieghu jikkontendi illi dak in-nhar ta' l-incident huwa kien tielgha t-telgha ta' hdejn ic-Cimiterju ta' l-Addolorata, isuq fuq il-karreggjata tan-naha ta' barra tat-triq. Kien id-dlam u daqsxejn xita. It-triq kienet pjuttost vojta. Hekk kif wasal vicin ir-*roundabout* huwa xeghel l-indicator biex idur lejn Santa Lucija. Hekk kif beda jdur mar-roundabout, sema' horn idoqq. Huwa waqqaf u nizzel il-hgiega tal-vettura tieghu. Nizel is-sewwieq tal-vettura li kienet qed idoqq il-*horn* u gharrfitu illi huwa kien laghqat il-vettura tieghu. Sakemm ipparkja huwa cempel lil missieru. Huwa jsostni illi dejjem baqa' jsuq fuq il-karreggjata tieghu fl-ebda mument ma lemah il-vettura misjuqa mill-attur. Isostni illi ma kellu l-ebda hsarat fil-vettura tieghu. Jikkonferma illi l-kulur tal-vettura tieghu hija hamra skura. Muri r-ritratti esibiti bhala Dokumenti P5 sa P7, huwa jghid illi ma kienx ra l-hsarat indikati f'dawn ir-ritratti fil-vettura ta' l-attur dak in-nhar ta' l-incident.

Anthony Amaira, Manager mas-socjeta' attrici jikkonferma illi l-attur kien assikurat b'polza tat-tip *comprehensive.* L-attur hallas l-*excess payment* ta' mitt lira (Lm100) filwaqt illi s-socjeta' attrici hallset id-differenza ta' wiehed u ghoxrin lira u hamsa u erbghin centezmu (Lm21.45c) u dan kif spjegat fil-prospett Dokument P anness ma' l-avviz.

Is-*surveyor* Anthony Mizzi, li kien ghamel *survey report* fuq il-vettura ta' l-attur jispjega illi din kienet vettura ta' l-ghamla *Seat* ta' kulur blue li kellha daqqa fuq in-naha ta' lemin in-naha ta' quddiem. Il-vettura huwa ezaminaha fit-8 ta' Jannar 2002. Jikkonferma r-rapport minnu maghmul esebit u mmarkat bhala Dokument P2. Huwa ezebixxa tlett ritratti mmarkati bhala Dokumenti P5, P6 u P7 li jindikaw il-konsistenza tal-hsarat fil-vettura ta' l-attur. Huwa spjega wkoll illi fuq il-*mudguard*, fuq il-*bumper* tal-vettura kien hemm indikazzjoni ta' zebgha kulur hamrani, orangjo imhallat bl-iswed, kif jidher fuq l-istess ritratti, liema zebgha huwa eskluda li seta kien sadid, anke peress seta' jikkonstata illi l-vettura kienet relattivament gdida.
John Tabone, *Claims Manager* tas-socjeta' *Rausi Insurance Agency Limited*, jixhed dwar il-kontenut tad-

Dokument a fol.37 tal-process konsistenti f' *fax* mibghuta lis-socjeta' attrici li minnha hemm indikazzjoni illi l-konvenut ma kienx qieghed jaccetta r-responsabbilta' ghal dan l-incident peress illi huwa gie milqut fuq ir-rota ta' wara tal-vettura tieghu.

Id-Dokumenti JT1 u GD1 konsistenti f'affidavits maghmula mill-konvenut u mix-xhud Lara Cordina *a tempo vergine* jikkonfermaw fis-sustanza taghhom dak illi xehdu huma stess fil-kawza.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi jirrizulta illi ma hemmx kontestazzjoni illi fil-mument ta' l-incident iz-zewg sewwieqa kienu telghin it-telgha ta' hdejn ic-Cimiterju ta' l-Addolorata. Ma hemmx qbil madanakollu jekk fil-fatt sehhx l-impatt bejn iz-zewg vetturi u dana kif qieghed isostni l-attur u dana ghaliex li kieku l-attur Adrian Farrugia ma bediex idoqq il-horn tal-vettura tieghu u segwa l-vettura tal-konvenut sakemm dan waqqaf, li kieku l-konvenut lanqas biss kien jinduna illi sehh dan l-impatt. Fil-fatt matul il-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, l-konvenut sostna illi l-incident mertu tal-kawza fil-fatt ma kienx sehh.

Illi ghalhekk it-Tribunal irid jinvestiga liema mix-xhieda hija l-iktar wahda verosimili u dana mill-assjem tal-provi u dokumenti prodotti matul it-trattazzjoni tal-kawza. Illi fl-opinjoni tat-Tribunal hemm diversi fatturi li jwasslu ghal konkluzjoni illi l-incident mertu tal-kawza fil-verita' sehh u dana kif isostni l-attur u x-xhieda prodotti minnu:

1. Id-danni rapportati fil-vettura ta' l-attur – Illi jirrizulta illi l-vettura ta' l-attur garrbet hsarat fil-genb in-naha tas-sewwieq fil-*mudguard* u fil-*bumper* li anke ingiebet minn postu. Dawn il-hsarat huma kompatibbli mal-verzjoni moghtija mill-attur u minn Lara Cordina illi l-vettura tal-konvenut li kienet qieghda tinsaq fuq il-karreggjata ta' barra tat-triq invadiet il-karreggjata ta' l-attur u dahhlet fuq il-vettura tieghu bir-rota ta' wara taghha hekk kif kienet qieghda taqbizha. Illi inoltre jirrizultaw marki taz-zebgha kulur ahmar jew orangjo, liema kulur jaqbel mal-kulur tal-

vettura misjuqa mill-konvenut, kif jammetti huwa stess. (ara xhieda tal-konvenut tat-28 ta' Ottubru 2002, kif ukoll ix-xhieda tas-*surveyor* Anthony Mizzi u r-ritratti Dokument P5 sa P7).

2. Il-mizuri li ttiehdu mill-attur wara li sehh l-impatt – Illi qabel xejn l-attur ighid illi qabel l-impatt hekk kif lemah il-vettura tal-konvenut qed tersaq lejh huwa intenta jdoqq il-*horn*, izda kien tard wisq. Inoltre kemm l-attur kif ukoll Lara Cordina isostnu illi huma baqghu jsegwu l-istess vettura li maghha sehh l-impatt sakemm dina waqqfet. Ftit li xejn jista' jkun hemm dubbju illi din kienet l-istess vettura iktar u iktar peress illi jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi fil-mument ta' l-incident ma kienx hemm vetturi ohra fit-triq u dana x'aktarx peress illi kien tard bil-lejl. Lara Cordina tixhed ukoll illi hija gharrfet lis-sewwieq tal-vettura l-ohra minn *anorak* u *hood* li kien liebes, fatt ukoll verosimili tenut kont illi l-partijiet kollha jsostnu illi dak in-nhar kienet gurnata ta' xita.

3. Ix-xhieda tal-konvenut – Illi mix-xhieda tal-konvenut jidher illi huwa ma kienx qieghed izomm *a proper lookout*, meta jsostni illi huwa lanqas biss induna bil-vettura ta' l-attur anke qabel ma sehh l-impatt. Huwa jghid illi fl-ebda hin ma ra l-vettura misjuqa mill-attur, hlief meta beda jisimghu jdoqq il-*horn* u ghalhekk waqqaf biex jara x'kien gara. Dana jindika illi jekk wiehed jemmen il-verzjoni tieghu illi din il-vettura tinsaq vicin tieghu huwa ma rahiex, allura l-konkluzjoni hija illi huwa kien aljenat mhux ftit waqt is-sewqan tieghu.

4. Ir-risposta pprezentata mill-konvenut fl-atti processwali, ma taghti l-ebda ndikazzjoni ta' dak allegat minnu u cioe' illi l-impatt ma sehhx, izda jaghti ndikazzjoni illi l-incident sehh fil-vicinanzi tar-*roundabout*. Illi ma rrizulta minn imkien mill-provi illi l-incident sehh mar-*roundabout* u li l-attur ma irrispettax id-dritta tal-vetturi fuq il-lemin ma' *roundabouts* kif isostni l-konvenut fir-risposta tieghu u ghalhekk din l-eccezzjoni certament ma tistax tintlaqa'. Lanqas l-konvenut ma ressaq xi prova f'dan is-sens.

Illi ghalhekk fid-dawl ta’ dan kollu, t-Tribunal jikkonludi illi s-socjeta’ attrici nomine et irnexxielha tipprova t-talba taghha. Illi finalment ma jirrizultax la mill-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u lanqas mill-provi prodotti illi qed issir xi kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara illi l-konvenut Anton Giordimaina kien unikament responsabbli ghall-incident stradali li sehh fit-28 ta’ Dicembru 2001 gewwa Vjal Santa Lucija, Paola u konsegwentement ighaddi biex filwaqt illi jirrespingi l-eccezzjoni sollevata minnu, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici nomine et is-somma ta’ mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm121.45c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali pprezentata ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**

---------------------------------TMIEM---------------------------------